**26 ta' April, *1988***

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**- President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., *LL.D.***

Reginald Micallef *et noe*

*versus*

Godwin Abela *et noe*

## Danni – Merkanzija – Danni Konsegwenti minn Merkanzija Nieqsa – *Tally Sheets*

*L-attur assikuratur issurrogat fittex u rkupra danni konsegwenti minn merkanzija nieqsa. Fuq eżami prettament ta' provi, il-Qorti ta' Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u sabet illi t-tally sheets kienu korroborati minn xhieda u prova.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-atturi *nomine*, wara li ppremettew li s-soċjetà *Delecta Industry Clothing Co. Ltd.* importat miċ-Ċina tnejn u għoxrin (22) kartuna *(cartons)* ħwejjeġ jew biċċiet tal-qoton *(cotton piece goods)* u dan f'żewġ konsenji: waħda ta' sbatax-il kartuna u l-oħra ta' ħames kartuni kif jirriżultaw mill-poloz tal-kariku – Dok. A1 u B1 u Dok. A2 u B2, li dawn il-konsenji ġew mgħobbija fuq il-vapur NEWHAINING f'Shangai għal Hong Kong u minn Hong Kong għal Malta fuq il-vapur *TELAMON,* li meta l-vapur *TELAMON* skarika Malta ż-żewġ konsenji tal-merkanzija mmarkata BRD niżlu kollha sħaħ kif jirriżulta mit-*tally sheets* Dok. C1, C2, C3, C4, C5, C6, li meta l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-importatur mill-kuntrattur tal-post, is-soċjetà konvenuta *The Cargo Handling Co. Ltd.*, kien hemm erba' kartuni nieqsa kif jirriżulta miċ-ċertifikat tad-Dwana Dok. D u mill-ittra tal-*Cargo Handling* Dok. E, li għal dan in-nuqqas is-soċjetà assikuratriċi *Guardian Royal Exchange Assurance* ħallset lill-assikurat *Delecta Industry Co. Ltd.*, kif kienet obbligata s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u disgħin

lira (Lm1395) u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet kollha ta' l-assigurat (Dok. F), u li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli għan-nuqqas fuq indikat, – talbu li l-konvenuti *nomine,* għar-raġunijiet fuq premessi, (1) jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas fuq indikat u (2) jiġu kkundannati jħallsu l-attur *nomine* s-somma ta' Lm1395 bl-interessi kummerċjali skond il-liġi mid-data tal-pagament in linea ta' danni sofferti *mill-importatur u li d-dritt għalihom* ġew surrogati lill-atturi *nomine,* bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

*Rat* in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew illi t-talbiet attriċi, in kwantu diretti kontra s-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.*, huma infondati fil-fatt u fid-dritt *u għandhom jiġu miċħuda* bl-ispejjeż *stante* lis-soċjetà *The Cargo Handling Co. Ltd.* ikkonsenjat il-merkanzioja fl-istess stat u ammont illi rċevietu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' Novembru, 1985 li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur *nomine* u għalhekk (1) iddikjarat lill-konvenuti *nomine* responsabbli għan-nuqqas imsemmi fiċ-ċitazzjoni, (2) ikkundannat għalhekk lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1395 għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż u mgħax mitlub, u dana wara li kkunsidrat li:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma is-segwenti. L-assikurat ta' l-attur permezz tal-*Bills of Lading* A1 u A2, importa 22 *carton* merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni. Skond dawn, il-merkanzija tgħabbiet f'Shangai kollha f'żewġ partiti ta' 5 *cartons* u 17 *cartons* fit-8 ta' Ottubru, 1983 fuq il-vapur *Newhaining* diretta għal *Valletta* – Malta. Permezz tal-*Bills of Lading* B1

u B2, l-istess merkanzija ġiet *transhipped* fuq il-vapur *Telamon* f'Hong Kong *"to be discharged"* f'Malta. B'hekk jiġi li l-merkanzija *"de quo"* ġiet mgħobbija kollha;

Skond it-*Tally Sheets* esibiti bħala Dok. C1 – C6 il-merkanzija konsistenti fi 22 *carton* tnizzlet kollha l-art f'Malta minn fuq il-vapur. Fuq l-istess *Tally Sheets* m'hemm ebda rimarki fuq il-kondizzjoni ta' l-istess u kwindi għalhekk jidher li din tnizzlet kollha fi stat tajjeb u għaddiet f'idejn il-kuntrattur. Din tnizzlet fl-14, 15 u 16 ta' Novembru, 1983. Dawn it-*Tally Sheets* ġew ikkonfermati mit-*Tally Clerks* rispettivi li għamluhom u ġew esibiti mill-attur *Tally Sheets* Dok. XI sa Dok. X6 magħmula minn Renato Pullicino u Joseph Borg u kkonfermati mit-*Tally Clerks* tal-konvenut *noe*. Minn dan kollu jidher li l-merkanzija tnizzlet kollha u b'hekk jiġi li ġiet f'idejn il-konvenut *noe* kollha kemm hi;

Għad li l-merkanzija ġiet għand il-konvenut fil-ġranet 14, 15 u 16 ta' Novembru, 1983 kien 5 xhur u nofs li bagħat il-*Cargo Receipt* lill-atturi. Skond id-Dok. D l-assikurat ta' l-attur ikkonsenjat biss 18-il *carton* u dan flok it-22 *carton* iddestinati għalih u tnizzlu kollha l-art. Il-kontenut tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut ma fihiex ħlief allegazzjonijiet u tfigħ ta' suspetti li b'ebda mod ma ġew ippruvati fir-realtà. Għalhekk jidher li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* ppreżentata fid-19 ta' Novembru, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* ppreżentata fil-5 ta' Diċembru, 1985 li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talbu li s-sentenza ta' l-ewwel

Onorabbli Qorti tal-11 *ta'* Novembru, 1985, tiġi rrevokata u minflok jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti *nomine*, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-appellati Reginald Micallef u Walter Camilleri *nomine* ppreżentata fit-3 ta' Jannar, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Fil-petizzjoni tagħhom il-konvenuti *nomine* qegħdin jissottomettu li l-ewwel Qorti qagħdet sempliċement fuq it-*tally sheets* bla ma tat każ taċ-ċirkostanzi inaqqsu drastikament l-effett tagħhom u jpoġġu f'dubju serju l-eżatezza tagħhom. Il-konvenuti appellanti *nomine* mbagħad jgħaddu biex jissottomettu li meta jkun hemm *transhipment* bħal fil-każ odjern kważi impossibbli li ma jkunx hemm nuqqasijiet. *Di più*, jgħidu l-appellanti *nomine, fil-każ* preżenti kien hemm biss disa' *tally clerks* li kellhom ilaħħqu wkoll ma tliet vapuri oħra li kienu qegħdin jiskarikaw il-merkanzija u in vista tas-sistema *ta'* xogħol adoperat dawn ma setgħux ilaħħqu max-xogħol kollu u ma setgħux kienu preżenti meta l-merkanzija kienet qiegħda tinħatt u għalhekk dan inissel dubju serju dwar il-veraċità *tat-tally sheets;*

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi li hemm fil-proċess u tosserva li ma hemm xejn li jipprova l-imsemmija pretensjonijiet *tal-konvenuti appellanti nomine.* Anzi għall-kuntrarju hemm provi ċari u mhux ikkontestati konsistenti fid-deposizzjoni tal-persuni li għamlu t-*tally sheets* in kwistjoni (i.e. Renato Pullicino

u Joseph Borg) li kkonfermaw l-eżattezza tagħhom. It-*tally sheets* *immarkati Dok.* X1 *u* X2 *(fol.* 42 u 43) iffirmati minn Borg u r-rappresentant tal-kuntrattur tal-Port i.e. il-kumpanija konvenuta juru li tmien *cartons* niżlu minn abbord mentri t-*tally sheets* immarkati X3, X4, X5 u X6 (fol. 44 – 47) iffirmati minn Pullicino juru li niżlu wkoll erbatax-il *cartons* bil-marka BRD relattiva għal dak li ġie importat mill-importatur – tnejn u għoxrin (22) b'kollox, numru dan li jaqbel ma' dak indikat fil-*bills of lading* (Dok. A1 u A2). Irriżulta wkoll li ġew rilaxxati lill-importatur tmintax-il *cartons* biss;

F'dan l-istat tal-provi għalhekk l-imsemmija sottomissjonijiet tal-konvenuti appellanti *nomine* ma jistgħux jiġu kkunsidrati bl-ebda mod ippruvati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti appellanti *nomine*.